MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 506/2012

**Edwards, Lowell Company Limited**

**(C - 373)**

**vs**

**Direttur Generali VAT**

**U**

**Kummissarju Tat-Taxxi**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-21 ta’ Mejju, 2012, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet s-segwenti:

1.1 Illi d-Direttur Generali intimat hareg talba ghall-hlas *ai termini* tal-artiklu 59 tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta’ Malta datata it-30 ta’ Marzu, 2012, kontra s-socjeta` rikorrenti, (ara foll 4);

1.2 Illi permezz tal-istess ittra interpellatorja indikata fil-paragrafu precedenti, l-istess intimat hemm ukoll imsemmi wissa li kemm -il darba s-socjeta` rikorrenti tonqos milli taffettwa l-hlas hekk minnha mitlub kien ser jipprocedi b’esekuzzjoni tal-istess, kwantu titolu ezekuttiv;

1.3 Illi hemm ragunijiet biex l-imsemmi titolu ezekuttiv jigi imhassar *stante*:

1.3.1. Illi hu null;

1.3.2. Illi l-ammont pretiz mhux cert u dovut stante li l-istima kontenuta fl-ittra interpellatorja fuq riferita hi kontestata u ghadha *sub iudice*;

1.3.3. Illi ghalhekk it-titolu ezekuttiv inhareg ghal taxxa li mhix finali u konklussiva izda, li hi fi stadju ta’ accertazzjoni u ta’ verifika mit-Tribunal kompetenti, (ara foll 5);

1.3.4. Illi konsegwentement it-titolu ezekkutiv in dizamina hu intempestiv u abbusiv;

1.4 Illi l-procedura segwita hi leziva d-dritt tas-socjeta` rikorrenti ghal smiegh xieraq *ai termini* tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, *stante* li inhareg att ezekuttiv u titolu ezekuttiv kontra taghha minghajr ma giet moghtija sembjanza ta' dritt xieraq;

1.5 Illi mhux jintalab rimedju kostituzzjonali biex jigi ezawrit ir-rimedju ordinarju;

1.6 Illi ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti aderiet din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jwiegbu ghad-domandi taghha u jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.6.1. Tiddikjara li d-*"demand note"* ma tikkreax fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti titolu ezekuttiv;

1.6.2. Tirrevoka l-effetti kollha tal-istess *"demand note"* in dizamina;

1.6.3. Thassar it-titolu ezekuttiv ottenut permezz tal-istess *"demand note"*;

1.6.4. Tiddikjara li s-socjeta` rikorrenti m'ghandha l-ebda responsabbilita` ghall-pretensjoni deskritta fl-istess *"demand note"*;

1.6.5. Tiddikjara li l-pretensjoni tad-Direttur Generali intimat in dizamina hi infondata;

1.6.6. Tiddikjara li s-socjeta` rikorrenti mhix debitrici tal-intimati fis-somma pretiza;

1.6.7. B’riserva ta kull azzjoni spettanti lilha, anke b’rimedju ta’ ksur ta’ dritt fundamentali;

1.6.8. Bl-ispejjez kontra l-intimati;

2.0. Rat ir-risposta guramentata tal-intimati fuq indikati datata s-26 ta’ Gunju, 2012, li permezz taghha sintetikament wiegbu bil-mod segwenti:

2.1. Illi l-avviz ta’ hlas in dizamina mahrug fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti inhareg *a bazi* tad-denunzji sottomessi mill-istess socjeta` minghajr pagament, (ara foll 17);

2.2. Illi l-ammont dovut hu wiehed cert *stante* li l-ammont appellat mis-socjeta` rikorrenti jikkoncerna perjodi precedenti;

2.3. Illi s-socjeta` rikorrenti qed tipprova tikkrea konfuzjoni billi qed tittanta tpaci debiti ta’ perjodi partikolari ma’ krediti ta’ perjodi ohra;

2.4. Illi tali tpacija mhix koncessa mill-ligi in dizamina;

2.5. Illi t-tpacija hi biss limitata ghaz-zmien ta’ taxxa immedjata ta’ qabel u mhux ghal kull zmien ta’ taxxa ta’ qabel;

2.6. Illi kemm -il darba s-socjeta` rikorrenti thoss li gew lezi d-drittijiet fundamentali taghha, din il-qorti mhix kompetenti biex tisma` u tiddeciedi tali lanjanza;

2.7. Salv eccezzjonijiet ohra;

3. Semghet x-xhieda prodotta;

4. Ezaminat id-dokumenti esebiti u d-dikjarazzjonijiet guramentati prodotti;

5. Rat id-digriet taghha datat l-20 ta' Frar, 2014, li permezz tieghu fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz taghhom bil-modalita` hemm indikata, (ara foll 148);

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet rispettivament datati t-13 ta' Marzu, 2014, (ara foll 149), u s-7 t'April, 2014, (ara foll 154);

7. Semghet it-trattazzjoni finali tal-istess abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

8. Illi tirrileva preliminarjament, li ghalkemm issir referenza ghall-allegata lezjoni ta' drittijiet fundamentali tas-socjeta` rikorrenti, (ara paragrafu numru wiehed put erbgha, (1.4.), aktar qabel, u foll 1), din il-vertenza ma tirrigwardax tali analizi *stante* li l-istess socjeta` rikorrenti tinsisti li l-ewwel qed tittanta tezawrixxi r-rimedju ordinarju b'riserva ta' kull azzjoni ohra lilha spettanti, (ara paragrafu numru wiehed punt hamsa, (1.5.), aktar qabel, ara wkoll (foll 1 u foll 2);

Ikkunsidrat:

9.0. Illi l-fatti li law lok ghall-vertenza in dizamina jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

9.1. Illi din tirrigwarda r-relazzjoni li s-socjeta` rikorrenti ghandha mal-ligijiet tat-taxxa lokali;

9.2. Illi l-vertenza inizjat wara li d-Dipartiment tal-VAT intima lill-istess socjeta` rikorrenti b'ittra datata t-30 ta' Marzu, 2012, li din kellha taghti lill-istess Dipartiment bilanc ta' €81,871.23 f'taxxa fuq il-valur mizjud, (ara foll 5);

9.3. Illi in vista tal-istess, is-socjeta` rikorrenti inghatat jumejn (2) zmien minn notifika tal-imsemmija ittra biex thallas l-ammont indikat, u dan, a bazi tal-artiklu 59 (2) tal-Kap 406 fuq gia` riferit;

9.4. Illi tali ittra hi ekwivalenti ghal titolu ezekuttiv skont il-ligi;

9.5. Illi l-pagament kumplessiv rikjamat mid-Dipartiment fuq riferit kien jirrigwarda denunzji tat-taxxa tal-istess socjeta` rikorrenti li jikkoncernaw il-perjodu mill-1 ta' Lulju, 2011, sa Settembru, 2011, u mill-1 t'Ottubru, 2011, sa Dicembru, 2011, li t-tnejn kienu sottomessi minghajr ma kienu effettwati pagamenti dovuti mill-istess socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi s-socjeta` rikorrenti ssostni s-segwenti fir-rigward tal-imsemmija denunzji:

10.1. Illi d-*“demand note”*, senjatament l-ittra datata t-30 ta’ Marzu, 2012, hi semplici stima mahruga minn *computer ex officio*, (ara foll 150);

10.2. Illi l-ammont dovut mill-istess socjeta` rikorrenti lid-Dipartiment *de quo* jammonta biss ghal cirka €49,000.00, (ara foll 150);

10.3. Illi ghalhekk l-ammont dovut mill-istess socjeta` rikorrenti hu ferm anqas min dak rikjamat;

10.4. Illi *di piu`*, parti mill-ammont dovut mill-istess socjeta` lid-Dipartiment ghadu qieghed jigi kkontestat mill-imsemmija socjeta` skont il-ligi;

Ikkunsidrat:

11. Illi tenut kont tas-suespost ghandu jirrizulta pacifiku li l-kwistjoni rilevata tirrigwarda kemm l-ammont ta' VAT involuta, kif ukoll il-medtodu li bih ghandu jsir il-hlas ta' taxxa involuta;

12.0. Illi fir-rigward ghandu jinghad sintetikament is-segwenti:

12.1. Illi skont l-artiklu 10 tal-Kap 406 tal-imsemmija Ligijiet persuna registrata ghandha thallas l-ammont minnha dovut mhux aktar tard mid-data li fiha ghandha tinghata d-denunzja ghaz-zmien ta' taxxa involut;

12.2. Illi pero` persuna tista` tpaci xi kreditu eccessiv ta' taxxa gha-zmien ta' taxxa ta' qabel li ma jkunx thallas *ai termini* tal-artiklu 24;

12.3. Illi in vista tal-istess, mhux ammissibbli li jittiehdu krediti ta' perjodi ohra biex issir tpacija;

Ikkunsidrat:

13. Illi minn ezami tax-xhieda prodotta jirrizulta li l-intimati *de quo* qed jippretendu biss ammonti ta' taxxa fuq zewg perjodi ta' denunzji fuq riferiti, li taxxa fir-rigward ghadha ma thallsitx;

14. Illi in-nuqqas ta' kjarezza li tidher ezistenti bejn il-partijiet gia` tifforma parti minn proceduri intavolati quddiem Tribunal appozitu li din il-qorti m'ghandiex gurisdizzjoni fuqhom;

Ikkunsidrat:

15. Illi l-uniku vertenza li taqa` fil-mansjoni ta' din il-qorti hi jekk it-titolu ezekuttiv naxxenti mill-ittra – *"demand note"* - datata t-30 ta' Marzu, 2012, ghandiex il-vinkolu legali pretiz mill-intimati u kontestat mis-socjeta` rikorrenti;

16. Illi f'dan il-kaz il-procedura inizjata tramite l-imsemmija ittra hi ghal kollox indipendenti mill-azzjoni intavolata quddiem l-imsemmi Tribunal;

17. Illi ghalhekk, iebsa kemm hi iebsa, l-effett tal-istess ittra jibqa` vinkulanti u effettiv ghalkemm irid jigi rilevat li l-ahhar paragrafu tal-istess mhux biss imur kontra l-interess tal-utent li necessarjament irid jiddjaloga mad-Dipartiment *de quo*, izda jumiljah billi mhux biss jindikalu l-ammont ta' VAT li tkun trid tigi minnu mhallsa, izda jinformah li kemm –il darba jkun irid sodisfazzjon fir-rigward ghandu hu - *jekk irid*, imur fis-sessjoni appozita tal-istess Dipartiment jew addirittura jcemplilhom, (ara foll 4);

18. Illi f'dan ir-rigward hi l-fehma ta' din il-qorti li dan m'ghandux ikun hekk;

19. Illi tali burokrazzija tizvela atitudini kemm xejn arroganti fil-konfront tal-*"klijent"* tad-Dipartiment in dizamina, li wara kollox, *stante* li ser ikun hu li jhallas l-ammont ta' taxxa rikjamata, ghandu

jinghata rendikont précis fir-rigward anke biex ikun accertat li qed jigi ittrattat ta' "suggett" tad-dritt u mhux t' "oggett" biss;

20. Illi l-aspett burokratiku fir-rigward ghandu ghalhekk jinbidel, isir aktar semplici u iffokat fuq il-klijent tad-Dipartment *de quo*, biex b'hekk jassigura c-centralita` tat-*"tax payer"* fis-sistema lokali;

Ikkunsidrat:

21. Illi nonostante s-suespost, ezami tal-fatti kif fuq sintetikament esposti xorta juri li l-intimati agixxew skont il-ligi vigenti;

**DECIDE:**

22.0. Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess, hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti ma ipprovatx il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

22.1. Filwaqt li tirrespingi it-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti;

22.2. Takkolji r-risposti kollha tal-intimati;

22.3. Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------